Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
mgarr.lc@gov.mt - ***www.mgarrlc.com***

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr**

**Is-Seba' Leġislatura, Laqgħa numru 67**

**nhar l-Erbgħa 21 ta' Frar 2018, fil-5:00pm**

Il-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr issejjaħ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr, sabiex jiltaqa' għall-Laqgħa tal-Kunsill numru 67 tas-Seba' Leġislatura, nhar l-Erbgħa, 21 ta' Frar 2018, fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**
Paul Vella – Sindku
Eman Vella – Deputat Sindku
Mario Sammut - Kunsillier
Elia Borg - Kunsillier

**ASSENTI B' APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**
Clayton Gauci - Kunsillier

**ASSENTI**
Hadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**
Cyprian Dalli - Segretarju Eżekuttiv

**PUBBLIKU**
Hadd

**---- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fis-5:25pm.

ii. Il-Laqgħa kienet preseduta mis-Sindku, Paul Vella.

iii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tas-sistema tal-live-streaming.

iv. L-Aġenda tmexxiet fuq l-Aġenda segwenti :

67.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
67.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
67.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;
67.4 Korrispondenza
67.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
67.6 Rapporti;
67.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
67.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;
67.9 Mozzjonijiet;
67.10 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2017
67.11 Oġġezzjonijiet lill-Awtorita' tal-Ippjanar għal żvillupp fl-Imġarr
67.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss

**67.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

67.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva apoloġija mingħand il-Kunsillier Clayton Gauci li ma setgħax jattendi minħabba raġunijiet personali.

67.1.2 Il-Kunsill qabel li jaċċetta din l-apoloġija u li s-sur Clayton Gauci jitniżżel bħala assenti b' apoloġija.

**67.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

67.2.1 Il-Minuti ġew mibgħuta lill-membri tal-Kunsill minn qabel, u għaldaqstant ġew meqjusa moqrija u ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**67.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

67.3.1 Is-Sindku informa li kien attendi laqgħa tal-Awtorita' tal-Ippjanar fuq il-pompa tal-fjuwil ta' Wesgħat il-Ġublew li għandha tiġi trasferita fiż-Żebbiegħ. Waqt din il-laqgħa ttieħed vota dwar l-estenżjoni tal-permess tal-pompa l-ġdida u b' vota ta' 6 kontra 3, dan ġie approvat. Il-kunsill ivvota favur l-estenżjoni. Il-permess issa ġie mġedded b' 5 snin, fejn sa 3 snin irid jiġi imbattal is-sit ta' Triq Sir Harry Luke (taħt il-bandli), u li sa ħmien 5 snin il-pompa l-ġdida tkun bdiet topera.

67.3.2 Is-Sindku semma' li kien attenda laqgħa oħra mal-Awtorita' tal-Ippjanar fejn fiha kien pie diskuss it-talba għall-rinnovament ta' Ġnien Skorba. Is-sindku semma' li l-Awtorita' talbet sabiex is-siġar kollha jitneħħew.

67.3.3 Is-Sindku semma' li l-Kunsill kien mistieden mir-rapprezentanti ta' Mathi, fl-Italja sabiex iżuru din il-lokalita' ġemmellata mal-Imġarr. Is-Sindku flimkien mal-Kunsillier Mario Sammut kienu ser jitilgħu fl-okazzjoni tal-festi tal-karnival f' dan il-comune fi' tmiem il-ġimgħa tal-10 u 11 ta' Marzu.

67.3.4 Is-sindku semma li kien qed jipproponi li fl-edizzjonijiet futuri ta' Ġieħ l-Imġarr ikun hemm servizz ta' first-aid f' każ li jkun hemm bżonn. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

67.3.5 Is-Sindku informa li kien ġie avviċinat sabiex il-Kunsill iressaq talba biex Triq Sir Harry Luke titkompla in-naħa t' isfel, lejn il-binja fejn ser isir il-posta tal-banda tal-Imġarr. Din it-talba intlaqgħat mill-Kunsill u s-Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed iressaqha lill-Ministru Dr. Ian Borg.

## 67.4 Korrispondenza

67.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq diversi Memos, Ċirkolarijiet u korrispondenzi oħra mil-entitajiet governattivi, fosthom id-DLG, l-AKL u l-Awtorita' tal-Ippjanar.

67.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq talba sabiex isir logħba tal-volleyball fil-Ġnejna. Hawhekk il-Kunsill iddiskuta b' mod ġenerali jekk għandux japprova talbiet simili. Fl-aħħar ġie maqbul u deċiż li logħba bil-ballun fil-Ġnejna jitħalla biss hekk kif jidher hawn taħt:

- Mit-Tnejn sal-Ġimgħa sal-11:00am
- Is-Sibt, il-Ħadd u Festi Pubbliċi – xejn
- Lulju u Awwissu – xejn
- Meta jkun permissibbli, jingħata permess biex jintrama pitch wieħed biss.

67.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva ittra legali mingħand Gatt Studio Legale għan-nom tar-residenti ta' Sqaq f' Tal-Palma dwar żgombru u inġenji pparkjati hemm. Is-sindku semma' li ser issir laqgħa mal-avukat tal-Kunsill dwar dan.

## 67.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

67.5.1 Mario Sammut staqsa jekk il-Kunsill kellux ippjanat li jgħid lill-banda tal-Imġarr sabiex tieħu sehem hi fil-programm ta' Ġieħ l-Imġarr 2019. Qal li kien qed jistaqsi sabiex jekk dan hu il-każ, allura il-Kunsill kellu jinforma kemm jista' jkun kmieni lill-Banda biex din tibda' tagħmel il-preparamenti neċċessarji. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li mis-sena d-dieħla kellha tkun il-Banda tal-Imġarr li tieħu sehem f' dan l-avveniment.

**67.6 Rapporti**

67.6.1 Id-Deputat Sindku Eman Vella rrapporta li l-NGO tal-lokali ACT Environment kieenet qed timxi 'il quddiem bil-laqgħat tagħha u li kien qed jiġi kkonsultat il-Professur Louis Spiteri.

**67.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

67.7.1 Ma kienx hemm temi li ġew diskussi f' din il-laqgħa.

**67.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

67.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill Lokali l-iskeda tal-pagamenti numru 3/2018, li kienet tammonta għall-€18,388.51.

67.8.2 Il-Kunsill approva unanimament il-ħlasijiet ta' din l-iskeda u l-iskeda ġiet iffirmata u l-pagamenti ta' fuqha ġew awtorizzati.

**67.9 Mozzjonijiet**

67.9.1 Ma ġewx ippreżentati mozzjonijiet għal din il-laqgħa.

**67.10 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2017**

67.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-Estimi Finanzjarji tal-Kunsill għas-sena 2017 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

67.10.2 Wara spjegazzjoni u mistoqsijiet dwar dawn l-Estimi, il-Kunsill approva unanimament l-Estimi Finanzjari għas-sena 2017 hekk kif imressqa, u dawn ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**67.11 Oġġezzjonijiet lill-Awtorita' tal-Ippjanar għal żvillupp fl-Imġarr**

67.11.1 Il-Kunsill ressaq sabiex jiddiskuti oġġezzjoni għal-talba ta' żvilupp ta' pompa tal-fjuwil ġdida fil-by-pass tal-Imġarr (PA7402/17).

67.11.2 Hawhekk, is-Sindku informa li kellu kunflitt ta' interess f' dan il-każ u għalhekk kien ser jirtira mil-laqgħa sakemm tiġi diskussa dan il-punt. Is-Sindku għalhekk ħareġ mis-seduta fis-18:42. Id-Deputat Sindku Eman Vella mexxa il-laqgħa fl-assenza tas-Sindku.

67.11.3 Eman Vella semma' kif dan l-iżvilupp propost kien qrib ta' żewġ pompi oħra simili. Semma' wkoll kif dan ser isir fuq art agrikola, u li apparti il-pompa, kien ser isiru kafeteria, garaxxijiet, postijiet ta' parkeġġ, u medda ta' art li kien akbar minn żviluppi simili.

67.11.4 Il-Kunsill iddiskuta din it-talba għall-iżvilupp u ddeċieda li juri l-oġġezzjoni tiegħu u s-Segretarju Eżekuttiv kien ser jibgħat ittra ta' oġġezzjoni lill-Awtorita' tal-Ippjanar.

67.11.5 Is-Sindku ġie msejjaħ lura fis-18:51 u kompla jmexxi l-aħħar parti tal-laqgħa.

**67.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss**

67.12.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-18:58pm.

67.12.2 Il-Laqgħa numru 68 tal-Kunsill issejħet għall-Erbgħa 21 ta' Marzu 2018, fil-5:00pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr.

*Paul Vella*
***Sindku***

*Cyprian Dalli*
***Segretarju Eżekuttiv***